

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Lulju 2008

li temenda l-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tal-lista tar-reġjuni tal-Polonja uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3284)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/576/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali bovini u suwini <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Anness D(I)(E) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 64/432/KEE tippovdi li Stat Membru jew parti minn Stat Membru jista' jiġi ddikjarat bħala Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enżootika bovina suġġett għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (2) Il-lista tar-reġjuni ta' l-Istati Membri uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina huma stabbiliti fl-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi status uffiċjalment ħieles mit-tuberkolożi, bruċellożi u lewkożi bovina enżootika ta' ċerti Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri fir-rigward ta' merħliet bovini <sup>(2)</sup>.
- (3) Din id-Deċiżjoni, kif emendata mid-Deċiżjoni 2008/404/KE, bħalissa telenka 12-il reġjun amministrattivi (powiaty) fi ħdan l-unità amministrattiva superjuri (Voivodship) ta' Podkarpackie fil-Polonja, bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina.
- (4) Il-Polonja issa ppreżentat ukoll dokumentazzjoni lill-Kummissjoni li turi konformità mal-kundizzjonijiet xierqa stipulati fid-Direttiva 64/432/KEE, fir-rigward ta' 13-il reġjun amministrattivi ieħor (powiaty) fi ħdan din l-unità amministrattiva superjuri, biex dawn ir-reġjuni jkunu jstgħu jitqiesu bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina tal-Polonja.

(5) Wara l-valutazzjoni ta' din id-dokumentazzjoni, dawn ir-reġjuni (powiaty) tal-Polonja għandhom jiġu rikonossuti bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina ta' dan l-Istat Membru.

(6) L-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, fl-annotazzjonijiet għall-Polonja, l-annotazzjoni li tikkonċerna l-Voivodship Podkarpackie qed tinbidel b'dan li ġej:

— "Voivodship Podkarpackie

Powiaty:	bieszczadzki, brzozowski, dębicki, jarosławski, jasielski, kolbuszowski, krośnieński, Krosno, leski, leżajski, lubaczowski, łańcucki, mielecki, niżański, przemyski, Przemysł, przeworski, ropczycko-sędziszowski, rzeszowski, Rzeszów, sanocki, stalowowski, strzyżowski, Tarnobrzeg, tarnobrzeki."
----------	--

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni  
Androulla VASSILIOU  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 21, 29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26).

<sup>(2)</sup> ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2008/404/KE (ĠU L 141, 31.5.2008, p. 16).